**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 25/07 - Il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014 fis-18:00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *Skużata* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | *Irtira fi 20:15pm* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:45pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:55pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | *Skużata* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv
5. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv Ġdid
6. Traffic Managment u Transport Pubbliku
7. Ċentru Ħidma Soċjali
8. Lejla ta' Nominazzjonijiet
9. Rapport Tal-Kunsillieri
10. Ħwejjeġ Oħra
11. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li ser jitressqu xi korrezzjonijiet fuq il-Minuti hekk kif ippreżentati qabel ma jiġu mgħoddija u ffirmati minnu u mis-Seg. Eżek.

ii Paġna 3 qabel il-kliem "Il-Kunsillier Frans Agius ġie skużat fis-7.30pm iridu jiżdiedu l-kliem "Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-7.15pm".

iii Taħt l-item Komunikazzjonijiet mis-Sindku f'paġna 4 paragrafu numru "vii" irid jinbidel minn kif miktub u jiġi jaqra " Is-Sindku s-Sur joseph Abela qal li huwa kien tkellem mas-sidien li joqgħodu f'Misraħ tas-Suq Sq Nru 2 sabiex jerġgħu jreġġu kollox kif kien. Is-Sindku kompla jgħid li s-sid qallu li lest li jlaqqgħu ma min għamillu x-xogħol sabiex jikkonfermalu li dan ix-xogħol sar kif suppost u skond is-sengħa.

iv Taħt l-item "Rapport tal-Kunsillieri" f'paġna 4 paragrafu numru "i" irid jiġi kkanċellat kollu għaliex ma kienx diskors li ntqal waqt dik il-laqgħa.

v Taħt l-item wkoll "Rapport tal-Kunsillieri" f'paġna 4 imma paragrafu numru "ii" irid jiġi jaqra " Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia spjega x'kien intqal waqt laqgħa li r-Reġjun kellu dwar il-Valletta 2018 (V18) fejn intqal li jekk ikun hemm attivitajiet marbgħuta mal-kultura u jew folkor il-V18 kienet ser tittoppja dawk l-iskemi li d-Dipartiment joħroġ fondi speċjali għalihom."

vi Taħt l-item wkoll "Rapport tal-Kunsillieri" f'paġna 4 imma paragrafu numru "iv" iridu jitneħħew il-kliem "ġimgħa ta'" u minfloklom titpoġġa l-kelma "xi". Kif ukoll fl-aħħar tal-istess paragrafu qabel is-sentenza "Il-Kunsill qabel unanimament" trid tiżdied is-sentenza " Fuq domanda tal-Viċi Sindku, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li għal din l-attivita mhux ser ikun hemm spejjeż għall-Kunsill dan għall-fatt li ser jintużaw l-€1000 mogħtija mid-DLG taħt l-iskema Attivitajiet Kulturali."

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn il-korrezzjonijiet kif ukoll li dawn il-korrezzjonijiet iridu jitniżżlu fuq quddiem fil-Minuti tal-laqgħa numru 25/07.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

**i.** Is-Sindku qal li dwar l-interviews tal-kandidati għall-sejħa ta' Seg. Eżek. Ġdid saru fit-2 ta' Settembru kif miftiehem pero kellu jinbidel il-ħin. Għal dan il-fatt il-Kunsillier is-Sur Frans Agius kellu jirtira minn membru fuq il-Bord tal-Għażla u minflok ħadet postu l-Kunsilliera s-Sinjura Doris Vella. Sejħa Seg. Eżek. Ġdid

ii. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li dwar il-bilanċ pendenti fil-kont għal xogħol ta' major patching fi Triq Santa Marija, is-Seg. Eżek ser jikteb kem lill-Kuntrattur Vella Group sabiex jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll ser jikteb lill-Perit tal-Kunsill sabiex jemenda l-kont tiegħu relatat ma' dn ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wasal fis-18.45pm.*

iii. Rigward il-Live Streaming, is-Seg. Eżek. Informa lill-Kunsill li kienu ntefgħu żewġ tenders sad-data u l-ħin tal-għeluq. Dawn kienu ta' : Live Streaming

a) AID LTD għall-valur ta' €4944.15;
b) CORRECT TERMINATION LTD għall-valur ta' €5337.50.

Is-Seg. Eżek. Kompla jispjega li dan il-valur ġie kkalkulat fuq medda ta' 4 snin.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hija dika tal-kumpanija AID LTD għall-valur ta' €4944.15. Is-Seg Eżek. Ser jinforma liż-żewġ offerenti bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna kont mingħand l-Enemalta għall-bilanċ ta' madwar €98 għal xogħol realatat ma' tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied tas-sena 2012. Il-Kunsill qabel li jitħallas. Bilanċ fuq kont tal-Enemalta

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:55pm*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Seg. Parlamentari l-Onor Chris Fearne aċċetta t-talba tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati 2 air conditions fil-Berġa tar-raħal. Dawn issa ġew imwaħħla pero kellu jingħadda wire tal-elettriku apposta peress li l-komunikazzjoni eżistenti ma' kenitx tiflaħ. 2 Air Conditions fil-Berġa

Skeda ta' Pagamenti

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru /07. Fejn ġiet iffirmata mis-Sindku, minn żewġ Kunsillieri kif ukoll mis-Seg. Eżek.

Performance Bonus pro-rata lis-Seg. Eżek.

## 4 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

i Is-Segretraju Ezekuttiv Paul J. Pace talab jirtira mill-kamra sabiex jiġi diskuss dan l-item. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Seg. Eżek s-Sur Paul Pace jingħata 10% Performance Bonus pro-rata għaż-żmien tiegħu bħala Seg. Eżek. mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.

**ii.** Is-Seg. Eżek. intalab jidħol lura fil-kamra. Is-Sindku nfurmah bid-deċiżjoni unanima tal-Kunsill. Is-Sur Pace rringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċja tagħhom fih.

Ħatra Seg. Eżek. Ġdid

## 5 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv Ġdid

i Is-Seg. Eżek. spjega illi għal vakanza ta' Seg. Eżek. ġdid daħlu 16 –il applikazzjoni li 13 minnhom ma kienux validi għaliex la kienu Segretarji Eżekuttivi u anqas fil-Pool. Għaldaqstant 3 applikazzjonijiet biss kienu validi li kienu Jeffrey Bonnici, Louise-Anne Guzman u Antonella Galea.

Is-Seg. Ezek. qal li kif miftiehem fil-laqgħa preċedenti dawn intalbu sabiex jattendu għal interviews mill-Board li kien kompost mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mill-Kunsillier Ismael Dalli mill-Kunsilliera Doris Vella li attendiet minflokk il-Kunsill Frans Agius li ma setax jattendi peress li inbidel il-ħin għall-intervisti, kif ukoll s-Seg. Eżek Ex Ufficcio.

Dawn ingħataw punti skond skeda ta' Memo li d-DLG kien ħareġ dwar l-għażla ta' Seg. Eżek. ġdid.Il-kategoriji assessjati kienu fuq il-kwalifiki, l-esperjenza, il-motivazzjoni u l-komunikazzjoni.

Kull membru tal-Bord setgħa jagħti massimu ta' 25 marka fuq kull kriterja. Għaldastant il-massimu tal-punteġġ li seta jagħti kull membru tal-Bord kienet 100punt kull persuna. Allura peress li kienu 3 membri fuq il-Bord , il-massimu li setgħa jġib kull Kandidat kienu 300 bil-passmark tkun 151.

Wara li saru l-intervisti l-punteġġi li ġabu kull kandidat huma hekk :

- Jeffrey Bonnici – 133 punt
- Louise-Anne Gusman – 181 punt
- Antonella Galea - 285 punt

Għaldaqstant il-Bord irrakomanda lill-Kunsill Lokali li s-Sinjorina Antonella Galea ID 315977M , tintgħażel bħala Seg. Eżek.

Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li peress li s-Sinjorina Galea ġejja mill-Pool hija jkollha kuntratt imġedded kull tlett snin u f'każ li għal xi raġuni l-Kunsill f'dawn it-tlett snin jiddeċiedi li jneħħiha, is-Sinjorina Galea trid tirritorna lura għal-pożizzjoni u kariga li kellha qabel jiġifieri dik ta' Assistent Prinċipal fi Skala 11 mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.

Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u qabel unanimament li għandu jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Għaldastant is-Sinjorina Antonella Galea ID 315977mġiet magħżula bħala Segretarju Eżekuttiv ġdid mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien. Mehmuż ma' dawn il-Minuti qed jiġu annessi t-tabelli bid-dettalji kollha imsemmija.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-deċiżjoni u li sadanittant il-Kunsill joħroġ sejħa għall-skrivana fuq skala 15 sabiex jikkompensa għal-vojt li tħalli s-Sinj. Galea ladarba tilħaq uffiċjalment Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinj. Galea ġiet mitluba tirritorna lura fil-kamra, fejn hija ġiet infurmata bid-deċiżjoni unanima tal-Kunsill. Hija rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li wrew fiha.

## 6 Traffic Management u Trasport Pubbliku

Proposti Traffic Management

*i.* Is-Sindku qal li avviċah persuna sabiex tinstab soluzzjoni għal konġestjoni tat-traffiku li tinħoloq mit-trasport pubbliku f'sali it-toroq ta' quddiem il-Knisja. Huwa qal li din il-persuna ssuġġeriet sabiex Triq Paola tinbidel u l-karozzi jiġu jitilgħu u l-istess għal Triq Santa Marija.

Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment.

*ii.* Suġġeriment ieħor qal is-Sindku kien li fi Triq Santa Marija fil-parti mill-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra 'l-fuq l-parkeġġ ma jibqax man-naħa tal-ħanut Miracle Foods imma jsir mal-ġenb l-ieħor.

Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment u minflok issuġġerixxa li jsir iktar enforcement mill-gwardjani sabiex il-parking isir kif suppost.

*iii.* Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li mil-ewwel ta' Settembru 2014 fuq ir-rotta beda jopera l-Kuntrattur il-ġdid tal-Wardens li hija l-Kumpanija Guard & Warden. Filwaqt li għal talba ta' gwardjani għassa ma' krejnijiet, il-Kunsill jista' jqabbad lill-kwalunkwe kumpanija.

*iv.* Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa x'kien sar mil-proġett mibdi u mhux mitmum mit-TM ta' Triq Żejtun u Triq il-Knisja. Is-Sindku wieġeb li ma ġara xejn u kollox reġa lura għan-normal.

## 7 Ċentru Ħidma Soċjali

Ċentru Ħidma Soċjali

*i.* IS-Sindku qal li talab lis-Sur Tony Cassar biex jgħinha billi f'isem it-Tarxien Rainbows jisilfulna garaxx li kien jintuża sabiex ipoġġu fih l-affarijiet tat-tombla. Bħala Tarxien Rainbows lesti li jilfulna dan il-garaxx. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jnaddaf u jbajjad dan il-lokal u jużah sabiex fih jintlaqaw affarijiet li jistgħu jingħataw lill-persuni fil-bzonn bħal għamara użata, uniformijiet eċċ.

Is-Sindku għamilha ċara li dan il-post ser ikun misluf lilna u Tarxien Rainbows għandhom id-dritt li jerġgħu jieħduh lura meta u kif ikun il-bżonn.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinfetaħ dan iċ-Ċentru Ħidma Soċjali.

## 8 Lejla ta' Nominazzjonijiet

Nominazzjonijiet

IS-Sindku ssuġerixxa li ssir attivita' fuq jumejn is-Sibt u l-Ħadd. Il-programm tal-Ħadd ikun ċelebrazzjoni tal-100 sena mis-sejba tat-Tempji Neolitiċi u ssir irħama kommemorattiva. Dakinhar isir ukoll wirja tal-karozzi mad-dawra tat-tempji u dawra tond tal-Erwieħ. Kif ukoll issir wirja tal-arti u kultura fiċĊentru Komunitarju hekk kif kien jorganizza qabel il-Kunsill għal Jum Ħal tarxien. Din l-attivita' jista' jieħu ħsiebha l-Kunsillier Frans Agius.

Is-Sindku kompla jgħid li imbagħad is-Sibt issir lejla ta' nominazzjonijiet fis-Sala tas-Sorijiet. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex min għandu xi suġġerimenti għal xi nominazzjonijiet għandu jressaqhom quddiem il-Kunsill.

Il-Kunsillier Keith Darmanin issuġġerixxa li ssir iż-Żgħażugħ tas-Sena kif ukoll nominazzjoni oħra tkun għall-Isportiv tas-Sena, L-Anzjan Taxiniż, Ġieħ Ħal Tarxien u Unur il-Kunsill Lokali.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru kriterji sew qabel ma' ssir attivita'. Ġie deċiż u maqbul li l-Bord ma jkunx mir-raħal. Is-Sur Darmanin qal li dakinhar ser iqassam ukoll iċ-Ċertifikati taz-Zumba u l-Aerobics.

Is-Sindku ssuġerixxa li nominati oħra jingħataw Ittra tad-deheb mill-kelma TARXIEN.

Il-Bord għall-ittri tad-deheb ser ikun kompost mis-Sindku, mill-Kunsillier Frans Agius, mill-Kunsillier Lawrence Bonavia u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9 Rapport tal-Kunsilliera

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin qal li l-ħarġa ta' Kemmuna saret u kienet suċċess. Kemmuna

ii. Il-Lezzjonijiet talL-Aerobics ser jibdew nhar l-Erbgħa 1 ta' Ottubru 2014. Għal 12 –il lezzjoni, il-parteċipanti ser iħallsu €5.00 ta' darba lit-Tutor. F'każ ta maltemp peress li s-Sala tar-Ranbows qed tintuża, ġie ssuġġerit li nitolbu lill-Każin tal-Banda sabiex jisilfuna l-sala tal-Każin. Aerobics

iii. F'Ottubru ser jorganizza Mustang Car Show fi Triq il-Ħaġar. Ser jingħataw tokens għal drink. Mustang Car Show

iv. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn l-attivitajiet.

*Il-Kunsillier Keith Darmanin irtira mil-laqgħa fit-20:15*

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli qal li fis-27 ta' Settembru qed jerġa jorganizza l-attivita' tar-Riċiklar tat-tessuti bejn id-9.ooam u nofsinhar quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Riċiklar tat-Tessuti

ii. Is-Sur Dalli qal ukoll li ser jattendi Seminar nhar id-9 u l-10 ta' Settembru dwar il-Green Procurment u Altenative Energy. Seminar Green Procurment

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinj. Vella qalet li l-attivita' Gozo By Night marru sewwa ħafna. Gozo By Night

ii. Il-BBQ kien suċċess kbir kien hemm attendenza tajba ħafna. BBQ

iii. Is-Sinj. Vella qalet li għal Ottubru ser torganizza Coffee Morning ġewwa Dar Nazareth. Coffee Morning Dar Nazareth

*Rapport Mis-Sindku Joseph Abela*

i. Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2014 ser tittella' t-Tarxien Dance Festival. Il-qliegħ ser imur kollu għal Putinu Cares. Il-Kunsill mhux ser ikollu spejjeż ta' xejn. Id-dħul ser ikun donazzjoni ta' €3.00. Ser jieħdu sehem 10 skejjel ta' zfin. Dan il-Festival ser ikun organizzat mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Look Star Dancers. Tarxien Dance Festival

ii. Is-Sindku qal li għal European Mobilty Week qed jissuġġerixxi sabiex nhar l-20 ta' Settembru norganizzaw Car Free Day u tiġi organizzata bħal Sports Day fil-pjazza tar-raħal. Sal-10 ta Settembru trid tidħol l-applikazzjoni. Car Free Day

Il-Kunsill qabel unanimament li jittellgħu dawn l-attivitajiet.

## 10 Ħwejjeġ Oħra

Is-Seg. Eżek. infurma lill-Kunsill li għat-Tender għal Servizz ta' EU Officer intefgħet offerta waħda li kienet dik mitfugħa minn Dr Malcolm Borg. Tender EU Officer

Il-Kunsill qabel unanimanet li jintgħażel Dr Malcolm Borg.

## 11 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2014 fis-6.00pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**